MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 120/1998/1

***Citazzjoni 120/98***

***Tessons Limited***

***vs***

***Av.Dr.Louise Sant Fournier ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Agia Trading Limited***

Illum 30 ta’ Mejju 2003

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat fil-21 ta’ Jannar 1998;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine fejn in linea preliminari eccepiet illi din il-kawza ghandha titqies bhala dezerta ai termini tal-artikolu 963 tal-Kap.12;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni;

Rat li fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi bazikament l-argument tal-konvenuta huwa fis-sens li l-proceduri bil-miktub ma nghalqux fi zmien sitt xhur kif jiddisponi l-artikolu 963 tal-Kap.12; u inoltre l-istess socjeta' ma uriet ebda interess fil-proceduri odjerni minnha istitwiti, tant li wara xi zmien il-kawza kienet ntbaghat *sine die* minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Illi mill-inkartament li ghandha quddiem din il-Qorti, jidher li l-process kien sussegwentement intilef u l-Qorti kienet laqghet talba tal-konvenuta nomine ghar-rikostruzzjoni tal-atti. Dan sar permezz ta' nota prezentata mill-istess konvenuta fil-11 ta' Settembru 2001.

Illi mill-atti u precisament mill-verbal registrat fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 1999 il-konvenuta ma kienitx ghadha giet notifikata bl-att tac-citazzjoni, u konsegwenzjalment, fis-seduta tas-27 ta' Mejju 1999 hija tat ruhha notifikata u *"nfurmat lill-Qorti li kienet prezentat l-eccezzjonijiet dalghodu (dakinhar) stess"*

Illi mill-premess johrog car ghal din il-Qorti li, minkejja li s-socjeta' attrici kienet prezentat l-att tac-citazzjoni fil-21 ta' Jannar 1998 il-konvenuta baqghet ma gietx notifikata ghal zmien twil, u kienet eventwalment tat ruhha b- notifikata fis-27 ta' Mejju 1999 sa liema data kien defenittivament ghadda l-perijodu perentorju ta' sitt xhur stipulat fl-artikolu precitat.

L-attur minn naha tieghu qed isostni li huwa ma setghax jinnotifika lill-konvenuta entro t-terminu legali stante li l-process kien mitluf. Illi in propositu l-Qorti tosserva li mill-atti kostruwiti ma hemmx provi bizzejjed li juru li l-imputat naqas milli jghamel tentattivi sabiex jinnotifika lill-konvenuta, izda l-fatt li l-kawza kienet thalliet *sine die* u l-fatt li kienet il-konvenuta stess li talbet li ssir ir-rikostruzzjoni tal-process, ma jirriflettix assidwita' da parti tas-socjeta' attrici li hija l-promotrici ta' dawn il-proceduri.

Illi stabbilit il-premess, il-Qorti ser tghaddi ghall-ezami tal-artikolu 963 tal-Kap.12 li fuqu l-konvenuta nomine qeda tibbaza l-eccezzjoni taghha. Dan l-artikolu jistipula li l-proceduri bil-miktub ghandhom jinghalqu fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur liema perijodu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Illi l-artikolu 158 (12) jiddisponi li l-proceduri bil-miktub jinghalqu mal-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet jew mal-gheluq tal-ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika tieghu.

Illi f' kaz li l-proceduri bil-miktub ma jkunux inghalqu fiz-zmien is-sitt xhur, quddiem Qorti tal-ewwel grad, il-kawza *"ghandha titqies bhala (i) kawza li tkun tqieghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smigh, u (ii) bhala kawza li tkun b' ordni tal-Qorti thalliet sine die. Sa hawnhekk biss twassal l-espressjoni "shall…be deemed to be.' …Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubblicita' tal-lista msemmija fis-subartikoli (1)(2) u (3) tal-artikolu 964 (bil-pubblikazzjoni ta' l-istess lista) qabel ma jkun hemm is-sanzjoni tad-dezerzjoni."* [1]

Dan johrog car mis-sub inciz (5)(a) tal-artikiolu precitat fejn jiddisponi *"and the provisions of articles 964 to 967 fo this Code shall apply thereto;"* Fi kliem iehor, id-dezerzjoni mhux awtomatika kif appena jiskadi t-terminu fuq indikat.

---

[1] *(Onor.Qorti Appell* ***Id-Direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Ltd*** *deciza 31 ta' Jannar 2003; vide ukoll Prim Awla (RCP)* ***Giovanna Antida Casha pro et noe vs Anthony Casha*** *deciza 27 ta' Frar 2003 – u l-gurisprudenza kompjuza hemm indikata).*

Illi fil-kaz in disamina jidher car li  hemm nieqes dak kontemplat fl-artikolu 964, u b' mod partikolari ma hemmx il-prova li din il-kawza kienet tqieghed fuq il-*"Lista tal-kawzi sospizi fil-Qorti"* ai termini tal-istess artikolu;  u ghalhekk, in mankanza ta' prova li tali procedura kienet giet osservata, il-kawza odjerna ma tistax titqies bhala dezerta.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonsidera l-ewwel eccezzjoni infondata fil-fatt u fid-dritt u per konsegwenza tichadha – bl-ispejjez ta' din l-eccezzjoni kontra l-konvenuta nomine.

--------------------------------TMIEM--------------------------------